31992R0509

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 509/92
tat-28 ta' Frar 1992
li jikkonċerna l-klassifikazzjoni ta' ċerta merkanzija fin-nomenklatura magħquda

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 [1] dwar it-tariffa u n-nomenklatura statistikali u dwar it-Tariffa Doganali Komuni, kif l-aħħar emendat mir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 396/92 [2], u partikolarment l-Artikolu 9,

Billi sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tan-nomenklatura magħquda annessa mar-Regolament imsemmi, huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti riferiti fl-Anness ma' dan ir-Regolament;

Billi r-Regolament (KEE) Nru 2658/87 stabbilixxa r-regoli ġenerali għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u dawn ir-regoli wkoll japplikaw għal xi nomenklatura oħra li hija kompletament jew parzjalment ibbażata fuqha jew li żżid xi subdiviżjoni addizzjonali magħha u li hija stabbilita minn dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Komunità, bl-intenzjoni ta' l-applikazzjoni tat-tariffa u miżuri oħra li jirrigwardaw il-kummerċ ta' l-oġġetti;

Billi, skond ir-regoli ġenerali msemmija, l-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessi mar-Regolament preżenti jridu jiġu kklassifikati skond il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2, bis-saħħa tar-raġunijiet iddikjarati fil-kolonna 3;

Billi hija xierqa li l-informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar il-klassifikazzjoni ta' l-oġġetti fin-nomenklatura magħquda u li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament, jistgħu jkomplu jintalbu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3896/90 [3], għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż kif mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1715/90 [4];

Billi l-miżuri provduti f'dan ir-Regolament huma b'mod konformi ma' l-opinjoni tal-Kumitat tan-Nomenklatura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-oġġetti deskritti fil-kolonna 1 tat-tabella annessa huma issa kklassifikati ġewwa n-nomenklatura magħquda taħt il-kodiċijiet approprjati tan-NM indikati fil-kolonna 2 tat-tabella msemmija.

Artikolu 2

Informazzjoni vinkolanti tat-tariffa maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri li mhumiex konformi mad-drittijiet stabbiliti minn dan ir-Regolament jistgħu jkomplu jintalbu taħt id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 6 tar-Regolament (KEE) Nru 3796/90 għal perjodu ta' tlett xhur mid-detentur jekk il-kuntratt vinkolanti kien konkluż kif mistenni fl-Artikolu 14(3)(a) jew (b) tar-Regolament (KEE) Nru 1715/90.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-21 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-28 ta' Frar 1992.

Għall-Kummissjoni.

Christiane SCRIVENER

Membru tal-Kummissjoni

---

[1] ĠU L 256, tas-7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU L 44, ta' l-20.2.1992, p. 9.
[3] ĠU L 365, tat-28.12.1990, p. 17.
[4] ĠU L 160, tas-26.6.1990, p. 1.

L-ANNESS

Deskrizzjoni ta' l-oġġetti	Il-kodiċi tal-klassifikazzjoni tan-NM	Raġunijiet
(1)	(2)	(3)
1. Il-prodott, li jikkonsisti minn taħlita ta' residwi mill-manifattura tal-lamtu mill-qamħirrun (madwar 40 %), residwi mill-estrazzjoni taż-żejt mill-mikrobi tal-qamħirrun bil-metodu tat-tixrib (madwar 30 %) u residwi tad-distillazzjoni ta' l-alkoħol mill-qamħirrun ("distillati mill-qamħa") (madwar 30 %), li jippreżenta l-karatteristiċi analitiċi li ġejjin, toqol ta' materja xotta: — lamtu 18 % stabbilit skond il-metodu li hemm fl-Anness I.1 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 72/199/KEE (1) — proteini (N × 6,25) 28 % stabbilit skond il-metodu li hemm fl-Anness I.2 tad-Direttiva tal-Kummissjoni 72/199/KEE — xaħmijiet 4,4 % stabbiliti skond il-metodu A li hemm fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kummissjoni 84/4/KEE (2) Huwa wżat fl-għalf ta' l-annimali.	2309 90 41	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda, min-nota addizzjonali 1 tal-kapitolu 23 u mit-testi tal-kodiċijiet tan-NM 2309, 2309 90 u 2309 90 41.
2. Preparazzjoni li tikkonsisti l-aktar minn taħlita ta' madwar 60 % calcium hydrogen-orthophosphate (dicalcium phosphate), bħala toqol, u madwar 40 % calcium bis (dihydrogenorthophosphate) (monocalcium phosphate), bħala toqol, użata fl-għalf ta' l-annimali.	2309 90 99	Il-klassifikazzjoni hija stabbilita mid-dispożizzjonijiet tar-regoli ġenerali 1 u 6 għall-interpretazzjoni tan-nomenklatura magħquda u mill-kliem tal-kodiċijiet tan-NM 2309, 2309 90 u 2309 90 99 (ara wkoll in-Noti ta' Spjegazzjoni ta' l-HS, l-intestatura 23.09, parti II. C).

(1) ĠU L 123, tad-29.5.1972, p. 6.

(2) ĠU L 15, tat-18.1.1984, p. 28.